IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.10.2014
COM(2014) 676 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Evalwazzjoni ġenerali tal-konsegwenzi ekonomiċi tar-rekwiżiti għad-divulgazzjoni pajjiż pajjiż stabbiliti fl-Artikolu 89 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Evalwazzjoni ġenerali tal-konsegwenzi ekonomiċi tar-rekwiżiti għad-divulgazzjoni pajjiż pajjiż stabbiliti fl-Artikolu 89 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013

I. Introduzzjoni

Id-Direttiva 2013/36/UE[1] ("CRD") tintroduċi fl-Artikolu 89 tagħha obbligu ġdid ta' rapportar pubbliku pajjiż pajjiż ("CBCR") għal banek u ditti ta' investiment ("istituzzjonijiet"). L-istituzzjonijiet se jkollhom jirrapportaw kull sena, għal kull pajjiż li fih għandhom stabbiliment, id-dejta dwar (a) l-isem/l-ismijiet tagħhom, l-attivitajiet, il-pożizzjoni ġeografika, (b) il-fatturat, (c) in-numru ta' persunal, (d) il-qligħ jew it-telf qabel it-taxxa, (e) it-taxxa fuq il-profitt jew it-telf u (f) is-sussidji pubbliċi riċevuti.

L-istituzzjonijiet huma meħtieġa li jirrapportaw id-dejta taħt a), b) u c) mill-1 ta' Lulju 2014. Għad-dejta taħt d), e) u f) hemm previst arranġament speċjali: fil-fażi inizjali, 14 mill-ikbar istituzzjonijiet Ewropej[2] ("G-SIIs tal-UE") biss kellhom jirrapportaw din id-dejta, fuq bażi kunfidenzjali, lill-Kummissjoni. L-iskadenza għal dan ir-rapportar kunfidenzjali inizjali kienet l-1 ta' Lulju 2014 u ġiet irrispettata mill-14-il G-SIIs tal-UE kollha. Fil-fażi li jmiss, jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2015 l-istituzzjonijiet kollha li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 89 ("istituzzjonijiet li jirraportaw") se jkunu meħtieġa li jiddivulgaw l-informazzjoni kollha stipulata fl-Artikolu 89, sakemm il-Kummissjoni ma tiddeċidix li tiddifferixxi l-obbligi tas-CBCR.

L-Artikolu 89 jistipula li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2014 dwar il-konsegwenzi ekonomiċi negattivi potenzjali tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni pubblika pajjiż pajjiż. Il-Kummissjoni, wara li kkonsultat mal-EBA, l-EIOPA u l-ESMA, kif xieraq, hi mitluba li twettaq valutazzjoni ġenerali fir-rigward ta' tali konsegwenzi inkluż l-impatt fuq il-kompetittività l-investiment u d-disponibbiltà tal-kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Skont l-Artikolu 89 f'każ li jiġu identifikati effetti negattivi sinifikanti, il-Kummissjoni tqis li tipproponi li jiġu emendati l-obbligi tas-CBCR, u tista' tiddeċiedi li tiddifferixxi dawn l-obbligi.

Għaldaqstant l-għan ewlieni ta' dan ir-rapport huwa li jipprevedi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar jekk is-CBCR iwassalx għal effetti ekonomiċi negattivi sinifikanti.

---

[1] Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338.

[2] L-hekk imsejħa istituzzjonijiet globali sistematikament importanti awtorizzaw fl-Unjoni, kif identifikati internazzjonalment, l-Aġġornament tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja ta' grupp ta' banek globali ta' importanza sistemika fl-1 ta' Novembru 2012 http://www.financialstabilityboard.org/publications/r_121031ac.pdf.

Permezz ta' sejħa miftuħa għall-offerti[3], il-Kummissjoni tat studju lil kuntrattur estern dwar il-konsegwenzi pożittivi u negattivi potenzjali tas-CBCR. L-istudju magħmul mill-kuntrattur estern kien jinkludi stħarriġ tal-partijiet interessati[4] u analiżi ekonometrika ("l-analiżi ekonometrika")[5]. Il-Kummissjoni kkonsultat mal-EBA, l-EIOPA u l-ESMA. Hija kkonsultat ukoll direttament mal-partijiet interessati, inklużi fost l-oħrajn l-14-il G-SIIs tal-UE[6] u diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili interessati fil-kwistjoni. Il-Kummissjoni organizzat konsultazzjoni pubblika[7] u avveniment ta' sensibilizzazzjoni[8]. Għaldaqstant il-partijiet interessati kollha ngħataw opportunità biżżejjed sabiex jagħtu l-opinjonijiet tagħhom. Fuq din il-bażi, l-Kummissjoni wettqet il-valutazzjoni tagħha tal-effetti ekonomiċi possibbli tas-CBCR.

II. Kuntest

Il-premessa (52) tas-CRD tispjega li "Iż-żieda fit-trasparenza fir-rigward tal-attivitajiet ta' istituzzjonijiet, u b'mod partikolari fir-rigward tal-profitti magħmula, it-taxxi mħallsa u s-sussidji li jirċievu, hija essenzjali sabiex tinkiseb mill-ġdid il-fiduċja taċ-ċittadini tal-Unjoni fis-settur finanzjarju. Rapportar obbligatorju f'dan il-qasam jista' għalhekk jitqies bħala element importanti tar-responsabbiltà korporattiva tal-istituzzjonijiet lejn il-partijiet interessati u s-soċjetà." Is-CBCR se jgħin lill-partijiet interessati sabiex jifhmu aħjar dwar l-istrutturi tal-gruppi, l-attivitajiet u l-preżenza ġeografika tagħhom. Barra minn hekk is-CBCR għandu jgħin sabiex jiġi mifhum jekk it-taxxi humiex qed jiġu mħallsa fejn verament isseħħ l-attività kummerċjali. Id-divulgazzjoni u t-trasparenza huma meqjusa bħala għodod regolatorji ewlenin li jgħinu sabiex jiġi żgurat li l-kumpaniji jimplimentaw b'mod effettiv l-obbligi tagħhom u li huma responsabbli għall-istrateġiji kummerċjali li huma jadottaw.

L-obbligi ġodda tas-CBCRiridu jitqiesu fl-isfond tal-kriżi finanzjarja ta' dan l-aħħar, fejn livelli mingħajr preċedent ta' appoġġ pubbliku kienu meħtieġa sabiex tiġi rrestawrata l-istabbiltà finanzjarja u l-fiduċja taċ-ċittadini fis-settur finanzjarju kienet ġiet affettwata b'mod serju. Dan wassal għal talbiet qawwija biex il-banek juru aktar responsabbiltà u aktar trasparenza fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku.

Indipendentement mill-kriżi finanzjarja, hemm dejjem aktar talbiet fuq il-kumpaniji sabiex jerfgħu r-responsabbiltà tal-impatt tagħhom fuq is-soċjetà, u l-kontribut li n-negozji jagħmlu f'forma ta' tassazzjoni qed jitqies dejjem aktar bħala parti mir-responsabbiltà soċjali

[3] Offerti Ref MARKT/2013/205/F.

[4] Firxa ta' partijiet interessati ġew ikkonsultati inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, gvernijiet, regolaturi, banek u assoċjazzjonijiet kummerċjali.

[5] L-istudju tal-kuntrattur estern jista' jiġi kkonsultat fuq : http://ec.europa.eu/internal_market/company/modern/corporate_governance_in_financial_institutions_en.htm

[6] Sommarju tal-konsultazzjoni mal-14-il G-SIIs tal-UE jista' jiġi kkonsultat fuq: http://ec.europa.eu/internal_market/company/modern/corporate_governance_in_financial_institutions_en.htm

[7] Il-kontribuzzjonijiet jistgħu jiġu kkonsultati fuq: http://ec.europa.eu/internal_market/consultations/2014/country-by-country-crd4/contributions_en.htm

[8] L-avveniment ta' sensibilizzazzjoni sar fit-2 ta' Ottubru 2014. Il-parteċipanti kienu jirrappreżentaw gruppi ta' partijiet interessati differenti. Sommarju tad-diskussjoni jista' jiġi kkonsultat fuq: http://ec.europa.eu/internal_market/company/modern/corporate_governance_in_financial_institutions_en.htm#240711

korporattiva. Dan żied id-domanda għal aktar trasparenza fl-affarijiet fiskali ta' intrapriżi kbar b'mod partikolari fejn għandhom attivitajiet transfruntiera sinifikanti.

III. Valutazzjoni tal-effetti ekonomiċi tas-CBCR

Il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati jistennew li s-CBCR se jkollu xi impatt pożittiv fuq it-trasparenza u r-responsabbiltà ta', u fuq il-fiduċja pubblika fis-settur finanzjarju Ewropew.[9] Madankollu, diversi gruppi ta' partijiet interessati jqisu li gwida addizzjonali dwar il-kontenut eżatt tal-punti li jridu jiġu rrapportati ttejjeb it-trasparenza u l-konsistenza, tnaqqas ir-riskji li d-dejta tiġi mifhuma ħażin u tnaqqas il-piż amministrattiv.

Hawn isfel il-konsegwenzi ekonomiċi potenzjali tas-CBCR, b'mod partikolari fuq il-kompetittività, l-investiment, id-disponibbiltà tal-kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja huma eżaminati. Il-riżultati jirriflettu r-rispons li ġie riċevut minn partijiet interessati bħala parti mill-istħarriġ imwettaq mill-Kummissjoni u mill-kuntrattur estern, mill-konsultazzjoni pubblika u mill-avveniment ta' sensibilizzazzjoni, kif ukoll mir-riżultati tal-analiżi ekonometrika.

A. Impatt fuq il-kompetittività

Il-maġġoranza tal-partijiet interessati jikkunsidraw li mhux se jkun hemm impatt negattiv fuq il-kompetittività ta' istituzzjonijiet li jirrapportaw.[10] Madankollu, xi wħud isostnu li, minħabba n-nuqqas ta' kundizzjonijiet globali ekwi, l-istituzzjonijiet li jirrapportaw, meta mqabbla ma' istituzzjonijiet mhux marbuta bis-CBCR, ser ikunu żvantaġġati peress li jkollhom iħabbtu wiċċhom ma' piżijiet u spejjeż amministrattivi addizzjonali, billi dawn se jkunu ffaċċjati minn skrutinju pubbliku dwar id-dejta tagħhom u għax se jkollhom jiddivulgaw informazzjoni kummerċjali aktar speċifika minn kompetituri tagħhom li ma jirrapportawx. Dawn il-partijiet interessati, li huma f'minoranza, jemmnu li s-CBCR se jkollu impatt negattiv fuq il-kompetittività, għalkemm b'mod ġenerali ma jistennewx li dan l-impatt negattiv ikun qawwi.

Oħrajn jistennew li s-CBCR ser ikollu impatt pożittiv fuq il-kompetittività ta' istituzzjonijiet li jirrapportaw. Huwa ssuġġerit li ż-żieda fit-trasparenza u r-responsabbiltà li tirriżulta mis-CBCR se tinkoraġġixxi lil istituzzjonijiet li jirrapportaw sabiex jikkunsidraw aħjar għadd ta' riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni interna u l-attivitajiet tagħhom. B'dan il-mod, trasparenza aħjar isservi mhux biss biex jiġu żvelati problemi possibbli, iżda wkoll biex dawn jiġu evitati. Għalhekk għandha l-potenzjal li tnaqqas r-riskji minn skandli li jkunu ta' ħsara għar-reputazzjoni tal-istituzzjonijiet u tal-investitur u l-fiduċja tal-klijenti u tista' tikkontribwixxi biex jerġa' jkun hemm fiduċja pubblika fis-settur tas-servizzi finanzjarji fl-UE. Huma jikkunsidraw ukoll li s-CBCR jista' jattira investituri u klijenti li jagħrfu l-valur ta' aktar trasparenza, li min-naħa tagħhom jista' jirriżulta f'vantaġġ kompetittiv għal istituzzjonijiet li jirrapportaw.

[9] Ara s-sommarju tad-diskussjoni li seħħet fl-avveniment ta' sensibilizzazzjoni, it-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika u r-rapport tal-kuntrattur estern, il-paġni 87, 91, 145-147.

[10] Ara s-sommarju tad-diskussjoni li seħħet fl-avveniment ta' sensibilizzazzjoni, it-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika, is-sommarju tat-tweġibiet għall-konsultazzjoni tal-G-SIIs u r-rapport tal-kuntrattur estern, paġna 139.

Il-kost għall-konformità mas-CBCR x'aktarx li huwa intrinsikament proporzjonali mad-daqs u d-dimensjoni multinazzjonali tan-negozju tal-istituzzjoni li tirrapporta. L-istituzzjonijiet li jirrapportaw, speċjalment il-gruppi multinazzjonali, x'aktarx li diġà għandhom sistemi sofistikati għall-ġbir tad-dejta. Il-kost ta' konformità mas-CBCR mhux mistenni li jkun sinifikanti.[11]

L-informazzjoni divulgata skont is-CBCR ma tidhirx li hija kummerċjalment kunfidenzjali. Il-livell ta' informazzjoni divulgata skont is-CBCR mhix biżżejjed għall-partijiet interessati sabiex jiksbu għarfien dettaljat dwar l-istrateġiji kummerċjali tal-istituzzjonijiet li jirrapportaw. Mill-inqas tlieta mill-G-SIIs tal-UE diġà ppubblikaw b'mod volontarju dejta tas-CBCR, apparentement mingħajr tħassib li jiddivulgaw informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew effetti kompetittivi oħra.

Ir-riżultati tal-analiżi ekonometrika jissuġġerixxu li titjib fil-kwalità tad-divulgazzjoni, li huwa għan ewlieni tas-CBCR, huwa assoċjat ma' tnaqqis fil-kapaċità tal-istituzzjonijiet li jirrapportaw li jaħbu l-prestazzjoni reali tagħhom (manipulazzjoni tal-qligħ). L-istudju jindika li punt wieħed ta' żieda fil-livell ta' divulgazzjoni (f'indikatur kompost minn skala 0-52) jnaqqas il-probabbiltà ta' qligħ ta' ġestjoni bi 3,5 % għall-kampjun ta' banek fl-istudju.[12]

Għalkemm l-analiżi ekonometrika ma tindirizzax l-impatti fuq il-kompetittività b'mod dirett, l-analiżi tal-letteratura tissuġġerixxi li livelli akbar ta' divulgazzjoni jistgħu jippermettu lill-banek sabiex isiru aktar kompetittivi (pereżempju għax dawn inaqqsu l-problema tal-assimetrija tal-informazzjoni, jiffaċilitaw l-allokazzjoni tar-riżorsi u tiżdied il-fiduċja). B'mod ġenerali, l-istudju jissuġġerixxi li huwa improbabbli li s-CBCR iwassal għal effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni.

Xi partijiet interessati jistennew li l-obbligi ta' divulgazzjoni tas-CBCR se jaffettwaw ir-rata tat-taxxa effettiva tal-banek. Is-CBCR fih nnifisu mhuwiex miżura fiskali iżda miżura għar-responsabbiltà korporattiva u għat-trasparenza. Dan mhux se jkollu effett dirett fuq ir-rata tat-taxxa imposta fuq istituzzjonijiet li jirrapportaw. Kwalunkwe żieda f'tassazzjoni effettiva tkun biss konsegwenza indiretta. Huwa diffiċli ħafna li wieħed ibassar il-probabbiltà ta' żieda possibbli ta' rati ta' tassazzjoni (effettivi) li indirettament jirriżultaw mis-CBCR. Dan jiddependi minn diversi fatturi bħall-approċċ attwali tal-istituzzjonijiet għal kwistjonijiet fiskali, ir-rispons tal-awtoritajiet għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar il-pagamenti kollha tat-taxxa fuq bażi ta' pajjiż pajjiż u r-rispons tal-pubbliku għad-dejta tas-CBCR ippubblikata. Anki jekk istituzzjoni li tirrapporta tbiddel l-approċċ tagħha tat-taxxa, xorta jkun diffiċli li jiġi ddeterminat jekk dan kienx effett indirett tas-CBCR, jew jekk huwiex riżultat ta' żviluppi oħra f'dan il-qasam. Tali żieda tista' possibbilment ikollha wkoll effett pożittiv fuq il-kompetizzjoni, fis-sens li tista' tikkontribwixxi għat-titjib tal-livell ekwu għal istituzzjonijiet iżgħar li ma joperawx b'mod transkonfinali. B'mod aktar ġenerali, l-impatt ekonomiku ġenerali ta' kwalunkwe żieda ta' rata ta' taxxa effettiva jkun diffiċli biex jitkejjel u jkun jiddependi fuq riżultati differenti.[13] Filwaqt li mil-lat negattiv wieħed seta' jistenna tnaqqis fl-attività ekonomika tal-entità li tirrapporta, huwa probabbli li jkun hemm fatturi ta'

[11] Għal aktar dettalji, ara r-rapport tal-kuntrattur estern, paġna 97 u s-sommarju tat-tweġibiet għall-konsultazzjoni tal-G-SIIs.

[12] Ir-rapport tal-kuntrattur estern, paġni 73-83 u 84-85.

[13] Għal aktar dettalji, ara r-rapport tal-kuntrattur estern paġni 93-96.

kontrobilanċ bħalma huma d-disponibbiltà ta' dħul addizzjonali għall-infiq pubbliku li jista' jipprovdi benefiċċji lis-soċjetà u l-ekonomija b'mod ġenerali, u jżid il-fiduċja tal-pubbliku.

B. Impatt fuq l-investiment

Il-partijiet interessati ġew mistoqsija dwar l-effetti tas-CBCR fuq investiment minn u f'istituzzjonijiet li jirrapportaw.[14]

Fir-rigward tal-ewwel mistoqsija, jiġifieri dwar l-effett tas-CBCR fuq investiment f'istituzzjonijiet li jirrapportaw, il-maġġoranza tal-partijiet interessati jistennew li mhux ser ikun hemm impatt. Huma jikkunsidraw li d-deċiżjonijiet ta' investiment huma bbażati fuq fatturi oħra apparti d-dejta li għandha tiġi divulgata skont l-Artikolu 89 u li d-deċiżjonijiet ta' investiment huma xprunati minn benefiċċji ekonomiċi potenzjali aktar milli mid-divulgazzjoni. Ta' min jinnota wkoll li l-istituzzjonijiet li japplikaw għal finanzjament fuq is-swieq tal-kapital diġà pprovdew aktar informazzjoni dettaljata milli huwa meħtieġ skont l-Artikolu 89.

Madankollu hemm xi tħassib li f'każijiet individwali l-attrattività tal-istituzzjonijiet fis-suq tal-kapital tiġi affettwata b'mod negattiv jekk id-divulgazzjonijiet jiġu mifhuma ħażin u/jew jitqiesu b'mod negattiv mill-pubbliku. Barra minn hekk, xi partijiet interessati jsostnu li l-introduzzjoni tas-CBCR tista' toħloq tħassib dwar kundizzjonijiet ekwi u li r-rekwiżiti addizzjonali ta' divulgazzjoni jistgħu jnaqqsu l-attrattività tal-UE bħala post għall-investiment (minħabba l-piż u l-ispejjeż amministrattivi assoċjati). Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati jaqblu li s-CBCR mhux se jaffettwa r-rieda tal-istituzzjonijiet li jirrapportaw sabiex jibqgħu fl-UE.

Xi partijiet interessati jistennew effett pożittiv fuq l-investiment f'istituzzjonijiet li jirrapportaw. Huma jsostnu li hemm domanda globali li qiegħda tiżdied mill-investituri għal dejta aktar trasparenti u aktar affidabbli (jew aktar komprensiva) dwar il-kumpaniji li huma jinvestu fihom. Id-divulgazzjoni tkun tista' tipprovdi lill-investituri b'bażi aktar b'saħħitha għat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' investiment sodi u żżid il-kapaċità tagħhom li jżommu l-banek responsabbli. It-trasparenza, inkluż is-CBCR, tgħin lill-investituri sabiex jidentifikaw il-fatturi ta' riskju u l-irregolaritajiet finanzjarji u twassal għal ġestjoni aħjar tar-riskju mill-istituzzjonijiet. Għalhekk, twassal għal aktar stabbiltà fis-settur bankarju, u tagħmlu aktar interessanti għal investiment. Fl-aħħar nett, qed jiġi argumentat li l-investituri qegħdin dejjem aktar iqisu fatturi bħalma huma s-sostenibbiltà u t-trasparenza f'deċiżjonijiet ta' investiment u li d-divulgazzjoni tista' tattira aktar investiment minn investituri soċjalment responsabbli.

Fir-rigward tat-tieni mistoqsija, jiġifieri dwar l-effett tas-CBCR fuq investimenti magħmula minn istituzzjonijiet li jirrapportaw, il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati jistennew li mhux ser ikun hemm impatt.

Ir-riżultati tal-analiżi ekonometrika jissuġġerixxu li huwa improbabbli li s-CBCR ikollu impatt negattiv fuq l-investiment. Għall-kuntrarju, jirriżulta li punt wieħed addizzjonali fl-indiċi ta' divulgazzjoni jżid il-kost effettiv tal-kapital ta' ekwità b'0,2 % punti. Għalhekk, it-

[14] Ara s-sommarju tad-diskussjoni li seħħet waqt l-avveniment ta' sensibilizzazzjoni, it-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika, is-sommarju tat-tweġibiet għall-konsultazzjoni tal-G-SIIs u r-rapport tal-kuntrattur estern, paġni 140-141.

titjib fil-kwalità ta' divulgazzjoni, kif perċepit mis-swieq tal-kapital b'riżultat tas-CBCR, jista' jwassal għal kost effettiv tal-kapital ta' ekwità aktar baxx għall-banek. Dan jista' jsarraf f'rati ta' self aktar baxxi u jippermetti lill-kumpaniji sabiex jinvestu aktar fin-negozju tagħhom u jespandu.[15]

Barra minn hekk, l-analiżi bibljografika tissuġġerixxi li titjib fid-divulgazzjoni ġenerali huwa assoċjat ma'riżultati aktar sodi fis-swieq tal-kapital bħal kost ta' ekwità aktar baxx, minħabba inqas informazzjoni asimmetrika u spejjeż tal-aġenzija aktar baxxi. Tnaqqis fil-kost ta' ekwità ġie assoċjat ma' investiment akbar kemm fis-settur finanzjarju u kif ukoll dak mhux finanzjarju.

C. Impatt fuq id-disponibbiltà ta' kreditu

Il-partijiet interessati ġew mistoqsija dwar l-effetti tas-CBCR fuq l-għoti ta' kreditu lil istituzzjonijiet li jirrapportaw u minn istituzzjonijiet li jirrapportaw.[16]

Fir-rigward tal-ewwel mistoqsija, jiġifieri dwar l-effetti tas-CBCR fuq l-għoti ta' kreditu lil istituzzjonijiet li jirrapportaw, il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati jikkunsidraw li mhux ser ikun hemm impatt.

Minoranza żgħira ta' partijiet interessati jibżgħu li jista' jkun hemm xi impatt negattiv. Qed jiġi argumentat li d-divulgazzjonijiet jistgħu jinftiehmu ħażin u jwasslu għal sentiment negattiv. B'mod partikolari fir-rigward tal-informazzjoni fuq is-sussidji pubbliċi, parti interessata waħda ssostni li dan jista' jwassal għal perċezzjoni ta' bank li huwa "mirfud", u jwassal għal żieda fil-kosti ta' finanzjament tal-operaturi.

Oħrajn jistennew impatt pożittiv. Konformi sew mal-kummenti dwar l-impatt fuq l-investiment, hemm l-argument li żieda fit-trasparenza tista' ttejjeb il-fiduċja fl-istituzzjonijiet li jirrapportaw, li twassal għal fehim aħjar dwar riskju ta' kumpanija u għalhekk ġestjoni tar-riskju aħjar u livelli aktar baxxi ta' riskju għal perjodu twil ta' żmien.

Fir-rigward tat-tieni mistoqsija, jiġifieri dwar l-effetti tas-CBCR fuq l-għoti ta' kreditu lil istituzzjonijiet li jirrapportaw, il-partijiet interessati, jaqblu b'mod ġenerali li s-CBCR mhux se jkollu impatt la fuq l-għoti ta' kreditu minn istituzzjonijiet li jirapportaw, u lanqas fuq il-prezz jew il-kwalità ta' kreditu disponibbli għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi.

Ir-riżultati ekonometriċi jissuġġerixxu li x'aktarx is-CBCR ma jkollu l-ebda impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-banek biex ikollhom aċċess għas-swieq tal-kapital. Għall-kuntrarju, ir-riżultati jissuġġerixxu li punt wieħed addizzjonali fl-indiċi ta' divulgazzjoni jnaqqas il-kost effettiv tal-kapital ta' ekwità b' 0.2 % punti. Għalhekk, it-titjib fil-kwalità tad-divulgazzjoni b'riżultat tas-CBCR jista' anki jkollu impatt żgħir fuq it-tnaqqis fil-kost tal-kapital ta' ekwità tal-banek, u dawn il-benefiċċji jistgħu jiġu mgħoddija lil kumpaniji fis-settur mhux finanzjarju u lil unitajiet domestiċi fil-forma ta' rati ta' self aktar baxxi.[17]

[15] Ir-rapport tal-kuntrattur estern, paġni 46-55 u 84-85.

[16] Ara s-sommarju tad-diskussjoni li seħħet waqt l-avveniment ta' sensibilizzazzjoni, it-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika, is-sommarju tat-tweġibiet għall-konsultazzjoni tal-G-SIIs u r-rapport tal-kuntrattur estern, paġni 142-143.

[17] Ir-rapport tal-kuntrattur estern, paġni 46-55 u 84-85.

L-analiżi bibljografika tissuġġerixxi li rati tas-self għal banek aktar baxxi jistgħu jwasslu wkoll għal żieda fid-disponibbiltà ta' kreditu hekk kif il-banek, b'ħarsien minn marġini akbar, huma aktar lesti li jżidu l-provvista tas-self.

D. Impatt fuq l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja;

Il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati[18] jaqblu li s-CBCR mhux se jkollu impatt fuq l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Huma jindikaw li, anke jekk hemm potenzjal għal volatilità f'negozji individwali, dan ma jaffettwax is-settur kollu. Huma jinnottaw ukoll li l-volatilità hi dovuta għal bosta raġunijiet, u li ma jkunx possibbli li tiġi identifikata l-volatilità li tirriżulta biss minn divulgazzjonijiet skont l-Artikolu 89. Wieħed innota li jista' jkun hemm xi riskju tad-divulgazzjonijiet li jaffettwaw il-perċezzjoni tas-settur, iżda xorta ma kienx mistenni impatt notevoli.

Minoranza żgħira biss ta' partijiet interessati ma jaqblux u jsemmu pereżempju li s-self interbankarju jista' jkun affettwat jekk informazzjoni dettaljata dwar il-pożizzjoni ta' taxxa ta' bank tkun disponibbli jew tindika li hemm riskju ta' nuqqas ta' ftehim pubbliku tad-dejta minħabba applikazzjoni inkonsistenti u interpretazzjonijiet differenti. Madankollu dawn il-partijiet interessati ma jsostnux li l-impatt negattiv ikun qawwi.

Uħud mill-partijiet interessati minflok jistennew impatt pożittiv, u fost oħrajn, skont huma, aktar divulgazzjoni tgħin lill-investituri u lil partijiet interessati oħra sabiex jifhmu aħjar kif is-settur finanzjarju qiegħed jopera kif ukoll ix-xejriet tiegħu ta' sjieda, tista' twassal għal ġestjoni aħjar tar-riskji u għal sostenibbiltà, u żżid il-fiduċja u tnaqqas il-volatilità tas-suq.

Ir-riżultati tal-analiżi ekonometrika jissuġġerixxu li żieda fil-kwalità ta' divulgazzjoni jista' jkollha impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-kontabilità. Ir-riżultati jissuġġerixxu li żieda b'punt fid-divulgazzjoni żżid il-preċiżjoni tal-previżjonijiet tal-analiżi" b' 0,49 % punti[19] u tnaqqas il-probabbiltà ta' qligħ ta' ġestjoni b' 3.5 %[20]. Dan ifisser li wara l-implimentazzjoni tas-CBCR, l-informazzjoni pprovduta minn istituzzjonijiet finanzjarji tista' ssir aktar informattiva għall-partijiet interessati esterni, u tirrifletti aħjar il-kundizzjoni ekonomika reali tal-istituzzjoni. Dan jista' jirriżulta f'inqas volatilità u iktar stabbiltà finanzjarja.

Barra minn hekk, l-analiżi bibljografika tissuġġerixxi li d-divulgazzjonijiet bankarji jista' jkollhom impatt pożittiv fuq l-istabbiltà finanzjarja hekk kif dawn jistgħu jtaffu l-problemi ta' informazzjoni asimmetrika, jiffaċilitaw il-monitoraġġ tal-istituzzjonijiet u jtejbu l-governanza.

[18] Ara s-sommarju tad-diskussjoni li seħħet fl-avveniment ta' sensibilizzazzjoni, it-tweġibiet għall konsultazzjoni pubblika, is-sommarju tat-tweġibiet għall-konsultazzjoni tal-G-SIIs u r-rapport tal-kuntrattur estern, paġna 144.

[19] Ir-rapport tal-kuntrattur estern, paġni 64-72 u 84-85.

[20] Ir-rapport tal-kuntrattur estern, paġni 73-83 u 84-85.

E. Valutazzjoni

Peress li d-dispożizzjonijiet tas-CBCR għadhom ma daħlux kompletament fis-seħħ, din il-valutazzjoni hija essenzjalment eżerċizzju ffukat ’il quddiem – kif meħtieġ mill-Artikolu 89 tad-Direttiva 2013/36/UE – sabiex jiġi determinat jekk is-CBCR huwiex mistenni li jkollu effetti ekonomiċi negattivi sinifikanti.

Is-CBCR huwa mistenni mill-partijiet interessati li jkollu xi impatt pożittiv fuq it-trasparenza u r-responsabbiltà ta', u fuq il-fiduċja pubblika fis-settur finanzjarju Ewropew. Madankollu, huwa ssuġġerit li t-trasparenza se tibbenefika minn gwida addizzjonali dwar il-kontenuti eżatti tal-punti li jridu jiġu rrapportati u minn implimentazzjoni konsistenti fl-Istati Membri.

Il-bilanċ tal-opinjonijiet fost il-partijiet interessati huwa li s-CBCR mhux se jkollu impatt sinifikanti fuq il-kompetittività, l-investiment u d-disponibbiltà tal-kreditu jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Dawk li jopponu, il-biċċa l-kbira tagħhom jirreferu għar-riskju ta’ nuqqas ta’ fehim pubbliku tad-dejta u għall-piż amministrattiv akbar. Is-sostenituri tas-CBCR jindikaw għadd ta' effetti pożittivi: l-investituri se jkunu jistgħu jagħmlu deċiżjonijiet ta' investiment aktar infurmati u aktar ikunu jistgħu jżommu l-banek responsabbli. Is-CBCR se jwassal għal ġestjoni aħjar tar-riskji minn istituzzjonijiet li jirrapportaw, u b’hekk jitnaqqas ir-riskju ta’ skandli u tiżdied l-istabbiltà fis-settur finanzjarju. Is-CBCR se jattira l-investituri u l-klijenti li jagħrfu l-valur ta' trasparenza akbar u ġeneralment iwassal għal aktar fiduċja fis-settur finanzjarju Ewropew.

Ir-riżultati tal-analiżi ekonometrika jissuġġerixxu li kwalità itjeb ta' divulgazzjoni – li hi għan ewlieni tas-CBCR – twassal għal għadd ta' riżultati pożittivi. Kwalità ta' divulgazzjoni akbar tista’ twassal għal tnaqqis tal-kost tal-kapital ta’ ekwità li jista' jiġi mgħoddi lil negozji u unitajiet domestiċi f’forma ta’ rati ta’ self aktar baxxi u għaldaqstant jibbenefikaw mid-disponibbiltà ta’ kreditu u investiment. Dan jista’ jwassal ukoll għal tnaqqis fil-kapaċità tal-istituzzjonijiet li jirrapportaw li jaħbu l-prestazzjoni reali tagħhom (manipulazzjoni tal-qligħ) u aktar kwalità fil-kontabbiltà li jistgħu jirriżultaw f’iktar kompetittività u iktar stabbiltà finanzjarja.

Hija l-valutazzjoni tal-Kummissjoni, ibbażata b'mod partikolari fuq ir-riżultati tal-istudju u l-opinjonijiet espressi mill-partijiet interessati, li, f'dan l-istadju, ir-rapportar ta' informazzjoni pubblika pajjiż pajjiż skont l-Artikolu 89 tad-Direttiva 2013/36/UE mhux mistenni li jkollu impatt ekonomiku negattiv sinifikanti, b'mod partikolari fuq il-kompetittività, l-investiment u d-disponibbiltà tal-kreditu jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

Għall-kuntrarju, jidher li jista’ jkun hemm xi impatt pożittiv limitat. Ir-rispons mingħand il-partijiet interessati u l-analiżi tal-ewwel sett ta’ divulgazzjonijiet kunfidenzjali jissuġġerixxu li l-effetti benefiċjarji tal-Artikolu 89 jistgħu jitjiebu billi jiġu indirizzati xi elementi relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

IV. KONKLUŻJONI

F'dan l-istadju, r-rapportar pubbliku tal-informazzjoni, pajjiż pajjiż, skont l-Artikolu 89 tad-Direttiva 2013/36/UE, mhux mistenni li jkollu impatt ekonomiku negattiv sinifikanti, b'mod

partikulari fuq il-kompetittività, l-investiment, id-disponibbiltà tal-kreditu jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Għall-kuntrarju, jidher li jista' jkun hemm xi impatt pożittiv limitat, madankollu l-effetti benefiċjarji tal-Artikolu 89 jistgħu jitjiebu billi jiġu indirizzati xi elementi relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li, peress li ma ġie identifikat l-ebda impatt negattiv sinifikanti fir-rigward ta' rapportar ta' informazzjoni pubblika pajjiż pajjiż, l-obbligi skont l-Artikolu 89 tad-Direttiva 2013/36/UE ma għandhomx jiġu differiti u għandhom jiġu applikati, kif previst, b'mod sħiħ mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem.